MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tat-28 ta’ Settembru, 2022

Appell Inferjuri Numru 5/2022 LM

**Thomas Rosander (Passaport Żvediż 85691824)**
*(‘l-appellant’)*

***vs.***

**Mr. Green Limited (C 43260)**
*(‘l-appellata’)*

**Il-Qorti,**

**Preliminari**

1. Dan huwa appell magħmul mir-rikorrent **Thomas Rosander (Passaport Żvediż 85691824)** [minn issa ’l quddiem ‘l-appellant’] mid-deċiżjoni [minn issa ’l quddiem ‘id-deċiżjoni appellata’] mogħtija mit-Tribunal Industrijali [minn issa ’l quddiem ‘it-Tribunal’] fil-21 ta’ Jannar, 2022, fil-Kwistjoni tax-Xogħol nru.

3511/16/AM fejn ċaħad it-talbiet tiegħu fil-konfront tas-soċjetà **Mr. Green Limited (C 43260)** [minn issa 'l quddiem 'is-soċjetà appellata'].

## Fatti

2. Il-fatti ta' din il-kawża jirrigwardaw it-tkeċċija allegatament inġusta tal-appellant mill-impjieg tiegħu *full-time* fuq kuntratt indefinit mas-soċjetà appellata, liema tkeċċija saret permezz ta' *email* tad-19 ta' Settembru, 2016 u b'effett mit-12 ta' Settembru, 2016.

## Mertu

3. L-appellant istitwixxa proċeduri quddiem it-Tribunal fis-17 ta' Novembru, 2016, fejn talab l-imsemmi Tribunal sabiex,

> *"1) Jiddikjara li l-impieg tal-esponent ġie terminat mis-soċjetà intimata u dan b'mod inġust kif intqal fuq;*
>
> *2) Jikkundanna lis-soċjetà intimata tħallas lill-esponent arretrati ta' paga, bonus, vakanzi u benefiċċji oħra dovuti u mhux kompensati jew imħallsa;*
>
> *3) Jikkundanna lis-soċjetà intimata tħallas lill-esponent il-kumpens maħsub mil-liġi għat-terminazzjoni inġusta tal-impieg tal-esponent liema kumpens jkun jirrifletti it-telf attwali li sofra, qed jsofri u ser jkompli jsofri l-esponent bħala konsegwenza, filwaqt li jagħti ukoll dawk il-provvedimenti l-oħra kollha li jidhrilha xierqa u opportuni.*
>
> *Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet skont il-liġi".*

4. Is-soċjetà appellata wieġbet fit-13 ta' Jannar, 2017, fejn filwaqt li ssottomettit li t-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, talbet sabiex l-istess jiġu miċħuda bl-ispejjeż.

## Id-deċiżjoni appellata

5. Dawn huma l-konsiderazzjonijiet tat-Tribunal li wasluh għad-deċiżjoni tiegħu:

***"Konsiderazzjonijiet tat-Tribunal Industrjali***

*Illi d-disposizzjoni tal-artikolu 36(14) tal-Kap 352 tal-Liġijiet ta' Malta, tagħmilha ċara li prinċipal jista' jilliċenzja mpjegat tiegħu għal* 'raġuni tajba u biżżejjed' *u dan bla ħtieġa ta' preavviż u mingħajr obbligu ta' ħlas. Minn dan toħroġ ir-regola ġenerali li tkeċċija mill-impjieg ma tistax isseħħ ħlief għal raġuni valida. Naturalment ma' din ir-regola hi akkoppjata dik ir-regola l-oħra li una volta aċċertata l-illegittimità tat-tkeċċija lill-impjegat għandu jingħata riżarċiment f'forma ta' kumpens.*

*Illi skont l-artikolu 2 tal-Kap 452 tkeċċija nġusta dwar ħaddiem tfisser:*

(a) It-temm mill-principal dwar dak il-ħaddiem ta' kuntratt ta' mpjieg għal zmien mhux stabbilit (barra minn impjieg bi prova skont kif imfisser f'dan l-att) jkun temm li ma jsirx biss minhabba redundancy jew għal raġuni xierqa skont id-disposizzjonijiet rilevanti ta' dan l-Att jew xi regolamenti magħmulin taħt dan l-Att jew …..

*Indubbjament* 'ir-raġuni tajba u biżżejjed' *li ssemmi d-disposizzjoni tal-liġi hi kwalifikazzjoni ġuridika tal-kondotta tal-impjegat idoneja biex tilleġittima ċ-ċessazzjoni tar-rapport ta' mpjieg. Opportunement irid jiġi reġistrat il-kunċett ta' kawża ġusta u valida għat-tmiem tar-rapport ta' mpjieg hu ravviżat f'dawk il-fatti u mġibiet tali li jinduċu għat-telf ta' fiduċċja anke għaliex dan hu komunement intiż bħala l-presuppost essenzjali ta' dan ir-rapport. Dan dejjem b'riferiment għall-aspetti konkreti tan-natura tar-rapport, il-posizzjoni tal-impjegat fl-ażjenda, l-intensità tal-allegata kondotta kolpuża u ta' kwalsiasi aspett ieħor korrelatat mar-rapport. Wisq loġikament ukoll fejn il-fattijiet additati minn min iħaddem għal fini ta' kawża ġusta ta' liċenzjament huma multipliku mistenni li l-fatt singolari u primarju li fuqu tkun bażata t-tkeċċija jiġi eżaminat ma' fattijiet oħra li jitressqu 'l quddiem għal skop ta' valutazzjoni globali tal-kondotta u l-aktar dak tal-apprezzament aħjar tal-gravità tal-fatt singolari. Dan dejjem sintendi anke jekk ikkonsidrat iżolatament l-istess fatt singolari għandu fih ċerta rilevanza dixxiplinarja.*

*Illi għalhekk it-Tribunal irid jiddeċiedi dwar jekk is-soċjetà ntimata kellhiex raġuni xierqa* (good and sufficient cause) *li tkeċċi lir-rikorrent.*

*Illi minn fol 14 jirriżulta li l-kuntratt tax-xogħol tar-rikorrent para 8.2 jistipula li:* any breach on the part of the employee of any of the obligations undertaken by him under clause 3 or 7 of this Agreement shall be deemed to be a good and sufficient cause for termination of his employment with the Company according to law and the Company shall be entitled to terminate the employment ipso facto without any need for further notice and without compensation and without prejudice to any other right of recourse the Company may have against the employee for such breach.

*Clause 3 tirrigwarda* Duties of Employee *fosthom dawk elenkati Appendix A imsemmi hawn taħt fol 19 u clause 7 tirrigwarda* Conduct and Personal Experience.

*Bħala sekwenza tal-fatti jirriżulta dan li ġej:*

*Fis-sena 2014 Bo Wanghammar kien is-CEO tas-soċjetà ntimata. A fol 387 Wanghammar xehed li meta ngħaqad mal-kumpannija l-prodott kien* hopelessly outdated, the technology infrastructure a monolithic nightmare and the speed of improvement extremely slow. There was no real product governance and the relationship between the business and the technology function was one of open animosity.

*Li r-rikorrent kien impjegat fuq kuntratt indefinit bħala Chief Product Officer mill-10 t'April 2014; xogħlu skont il-kuntratt ta' xogħol tiegħu a fol 19 kien jikkonsisti f'dan li ġej:*

"In charge of the whole range of component making up the customer experience. The position reports to the CEO and is part of the Mr Green management team.

Product and customer experience is synonyms in this document…the real customer experience is made up of a group of components, where Mr Green can truly create differentiation. These components are the games, the site, customer service, payment methods, the payout process, offers, etc. In addition to this the CPO is responsible for the platforms on which we offer our product, desktop, mobile, tablet etc.

You manage this portfolio by constantly tweaking existing solution in a build, measure and learn process.  You are also responsible for developing new products based on your industry experience. This means incremental changes to existing components as well as leap from development of new products. You are a product visionary, combined with a metrics-oriented maintenance/task manager. You prioritize the product development backing and set up metrics to measure success of development items. You have thorough understanding of online gaming and gambling and a detailed understanding of the psyche of casino players. You are intimately familiar

with the Mr Green brand and responsible for making the brand saturate all development of the different parts of the customer experience. You are key in the effort to drive our systems architecture and systems support in order to offer a great customer experience.

You are leading the product organization in Malta which entails all standard obligations of a leader within Mr Green. You ensure that requirements on product development from the whole organization is captured."

*Wanghammar fol 387 jispjega x-xogħol tar-rikorrent kif ġej:* to create a product vision which was to be implemented in two stages. Stage 1 was to catch up to the competition by overhauling the web product, creating and launching mobile apps and redesigning the cashier. Stage 2 was to incorporate successful elements from the social/freemium/free to play industries which would move Mr Green ahead of the real money online casino competing. *U li bħala Chief Product Officer r-rikorrent* was to be responsible for the customer experience. By this is meant the customer facing online elements that Mr Green offered players. This experience was delivered via the company's web interface and via mobile apps. *Huwa kien* responsible wkoll for design the long-term (3 to 5 years) product vision (or plan) as well the short to medium term plan for product development. His job was to create the product plan, produce designs and collaborate with Mr Green's technology company to translate these designs into software.

*Skont Wanghammar* the actual quality of the software and its functionality in practice was the responsibility of the technology company.

*Fl-affidavit tiegħu fol 298 et ir-rikorrent jikkonferma li xogħlu kien li jtejjeb l-esperjenza tal-klijent* through continuous product improvements and by introducing new product functionality. *Huwa kellu wkoll jissuġġerixxi u jispeċifika prodotti ġodda li jagħmlu l-kumpannija aktar kompetittiva. Fuq talba ta' Bo Wanghammar kellu jikkrea* a long-term conceptual product vision *għall-kumpannija.*

*Fl-10 ta' Ġunju 2014 ir-rikorrent ippreżenta* a long-term conceptual product vision *għall-kumpannija lis-senior management u l-bord tad-diretturi li kien jinkludi lil Bo Wanghammar u Per Norman.*

*Ir-rikorrent fl-affidavit tiegħu jsemmi lista ta' awards li ħadet il-kumpannija bejn is-sena 2015 u 2016. Geres fix-xhieda taghha fol 60 et tgħid l-awards ma ntrebħux għax il-*functionality *kienet tajba ħafna iżda għax irnexxielhom ibiddlu l-prodott.*

*Illi f'April 2015 laħaq CEO tas-soċjetà ntimata Per Norman.*

*Fil-ħarifa 2015 ir-rikorrent jinforma lil Norman li xogħlu għamlu u f'Novembru 2015 għamlu party lill-impjegati nvoluti f'dan il-proġett.*

*Fl-4 t'April 2016 Jesper Karrbrink laħaq CEO tas-soċjetà ntimata minflok Per Norman.*

*Meta laħaq Karrbink irriżulta li l-prodott ma kienx għadu lest u kien biss 65% tal-prodott lest u wara tmien xhur ir-rikorrent infurmahom li l-prodott kien 90% lest iżda l-prodott ma kienx lest għax ma setax jiġi eżegwit.*

*Skont Wanghammar fol 387 et l-ewwel fażi ma bdietx fl-ewwel sitt xhur tas-sena 2016 iżda aktar tard għax il-Bord kien iddeċieda li jżid l-isports betting u dan sar fis-sena 2016.*

*F'Jannar 2016 Oskar Muhlbach beda jaħdem mas-soċjetà ntimata bħala Chief Operating Officer fejn għadu jaħdem sal-lum. Skont Muhlbach fol 111 huwa xorta baqa' jagħmel ix-xogħol ta' Chief Operating Officer meta r-rikorrent f'Ġunju 2016 laħaq Chief Operating Officer stante li r-rikorrent ma kienx daħħal l-impjegati ġodda li kellu bżonn u spiċċa jagħmel l-interviews u jagħżel ir-reklutagg hu iżda ġara li r-rikorrent ma riedx jieħu responsabiltà ta' dan ir-reklutaġġ u l-proċess twal b'xahrejn u dan meta r-recruitment kien f'idejn min kien responsabbli mill-prodott u mhux f'idejh dan ir-recrutiment kellu jkun.*

*Fl-10 ta' Frar 2016 ir-rikorrent jingħata* a two-tiered stay on bonus *sabiex jiġi mħeġġeġ ma jirriżenjax mill-kumpannija. Skont Wanghammar dan ingħata bħala nċentiv lir-rikorrent u lil David Bordberg biex jibqgħu mall-kumpannija tal-anqas sentejn għax dawn it-tnejn kienu meqjusa* critical for the company's future success. *L-ewwel tranch jitħallas fil-25 ta' Jannar 2017 u t-tieni tranch fil-25 ta' Jannar 2018 u dan kien jikkonsisti fi 50% tas-salarju gross tas-sena preċedenti bil-kundizzjoni li din is-somma ta' Ewro 180,000 tingħata lil kull wieħed minnhom kemm-il darba ma jirriżenjawx jew jiġi mitmum lilhom l-impjieg minħabba li jkunu ma mxewx mal-kuntratt tax-xogħol tagħhom.*

*Fit-23 ta' Marzu 2016 kien hemm il-każ ta' Miko Salo qabel daħal jaħdem Karrbrink mal-kumpannija fejn irriżulta li dan kien tort tagħhom li ġara hekk u ma kellha x'taqsam xejn mal-prodott.*

*F'Marzu 2016 toħroġ is-sejħa għall-Head of Sportsbook peress li f'Ġunju kien ser ikun hemm il-kampjonat ewropew u li skont Geres a fol 210 responsabbli għall-isports book kien ir-rikorrent u damu ma llonċjaw l-isports book għax ir-rikorrent ma kienx għażel l-applikanti li kienet tibgħatlu u spiċċa jagħżel lil xi ħadd Oscar Mulbach meta dan ma kienx xogħlu. Hija xehdet li fit-12 ta' Lulju 2016 il-kumpannija impjegat lil Enda bħala Head of Sportsbook li beda jaħdem fl-10 t'Awissu 2016 ċioe' ħames xhur*

*wara li nfetħet is-sejħa u meta dan kellu jkun lest sa Ġunju minħabba l-kampjonat ewropew.*

*Fit-13 t'April 2016 il-Bord approva uffiċjalment il-*minimum viable product replacements that would enable the implementation of the product vision. *Norman u Karrbrink kienu preżenti għal dan il-management meeting. Skont Niclas Enhorning fol 381 il-launch f'April 2016 kien suċċess. Enhorning kien ġie rakkomandat għall-post ta' CEO ma' Mr Green Technology mir-rikorrent u minn Wanghammar.*

*Mentri Karrbrink a fol 71 et xehed li f'April 2016 il-kumpannija kellha waħda mill-akbar problemi meta sabu ħafna traffiku fuq is-sit tagħhom bi players ġejjin fuq il-website iżda l-website ma kinitx qed taħdem u tilfu lil dawn il-klijenti u dan kien responsabbli r-rikorrent bħala Chief Product Officer li assigurhom li l-prodott kien 95% lest. Ġie Norman mill-kwartieri ġenerali tal-kumpannija minħabba f'hekk irrivedew il-prodott pass u l-konklużjoni kienet li l-prodott kien 60% lest u dan ma kienx biżżejjed.*

*Skont ir-rikorrent sa April 2016 qatt ma kien hemm ebda lment dwar xogħlu tant li fit-3 ta' Mejju r-rikorrent ingħata wkoll 40,000 warrants tal-kumpannija sabiex il-key personnel iħossuhom aktar parti mill-kumpannija u dan wara board resolution li għaddiet fil-21 t'April 2016.*

*F'Mejju 2016 ir-rikorrent ġie mogħti struzzjonijiet sabiex jimpjega n-nies fit-team tiegħu iżda huwa baqa' ma għamel xejn (fol 251).*

*Fil-25 ta' Mejju 2016 saret laqgħa u Karrbrink jinfurmahom li kien ser jintroduċi s-sistema ta' Employee Score Cards u li minn fol 80 jiriżulta x'kienu t-tasks għas-sena 2016 tar-rikorrent bħala CPO.*

*Fis-26 ta' Mejju 2016 ir-rikorrent jirċievi l-iscore card mingħand Karrbrink u li din kienet l-uniku waħda li rċieva. Fl-iscore card huwa mniżżel bħala Chief Operating Officer u li skont ir-rikorrent dan huwa titlu li huwa qatt ma ried u lanqas aċċetta. A fol 89 sa 92 Karrbrink xehed li huwa ppreżenta l-employee score card għaż-żewġ karigi li kellu r-rikorrent, l-organization chart għaż-żewġ job descriptions u l-*assessment *ta' Norman u tiegħu dwar il-prodott li għamel ir-rikorrent lejn l-aħħar ta' Lulju.*

*Li għal ħabta ta' Ġunju 2016 żdiedlu x-xogħol meta sar Chief Operations Officer u skont Karrbrink ix-xogħol li kellu qabel ir-rikorrent ingħata lic-Chief Marketing Officer u dan ġara fl-aħħar t'Awwissu 2016.*

*Skont Geres fol 60 et dan ġara għax it-team tal-product spiċċa b'persuna waħda biss minn erbgħa u li għalkemm kienu jgħidulu biex jimpjega aktar nies biex jgħinnuh biex il-prodott jimxi r-rikorrent ma għamel xejn. Karrbrink fol 169 spjega li huwa tah din il-kariga għax ma kienx kapaċi fil-kariga l-oħra li kellu u ammetta li kien ħa deċiżjoni*

*żbaljata. A fol 485 Karrbrink jgħid li r-rikorrent kien li avviċinah u qallu li huwa nteressat għal dan il-post ta' Chief Operations Officer u l-post ta' Chief Product Officer għamlu* redundant.

*Iżda mill-employment history sheet fol 363 jirriżulta li huwa kien impjegat bħala Chief Operations Officer mill-bidu tal-impjieg tiegħu fl-10 t'April 2014 sakemm ġie terminat l-impjieg tiegħu fit-12 ta' Settembru 2016.*

*Fil-25 t'Awwissu 2016 saret presentation importanti fil-Palace Hotel Malta u hemmhekk ġie rilevat li l-long term product vision kien 65% lest u lejn l-aħħar t'Awwissu 2016 xogħol ir-rikorrent bħala Chief Product Officer ingħata liċ-Chief Marketing Officer.*

*Fit-12 ta' Settembru 2016 Karrbrink jinforma lir-rikorrent li* 'this was not working' *u dan kien l-ewwel ilment li rċieva. Karrbrink jgħid fol 71 et li dan ġara għax kien saqsa lir-rikorrent għall-business case sabiex jillonċjaw live casino ġdid li kellha tkun illonċjata f'Settembru u r-rikorrent għaddielu project plan li kien biss copy u paste minn presentations ta' qabel ta' supplier ta' dan il-prodott u għalhekk mar għand is-CFO Nielson u qallu li ma setax jaħdem hekk. Kellhom board meeting, huwa pprepara mitejn pagna ta' dokumenti sabiex is-CFO u l-head tal-casino li dak iż-żmien kien jirrapporta lir-rikorrent u għamlu weekend jaħdmu fuq il-business plan li għamel u kien hemmhekk li rrealizza li r-rikorrent ma kellux commitment u skill minkejja li kienet qed iħallsuh pakkett tajjeb u għajjat lir-rikorrent u nfurmah* 'this is not working.'

*Karrbrink talbu jiffirma l-ittra tar-riżenja u jieħu sitt xhur paga iżda r-rikorrent irrifjuta.*

*Fit-12 ta' Settembru 2016 ġie terminat l-impjieg tiegħu fuq bażi ta' dismissal u r-raġuni tat-terminazzjoni tal-impjieg mogħtija mis-soċjetà ntimata hija* dismissed: failure to perform duties as agreed in employment contract. *Mill-1 sat-12 ta' Settembru 2016 ir-rikorrent irċieva 34956.42 gross li jammontaw għal 100 ewro allowance, 1283.64 accommodation allowance, 844.76 pension allowance, 11,955 education allowance, leave payment 14,974.50 (168 hours), government bonus 169.25ċ. Ir-rikorrent kien jirċievi kull sena paga ta' Ewro 343,417.*

*Ir-rikorrent a fol 298 fl-affidavit tiegħu jgħid li huwa sab xogħol ma' Dunder Limited fl-1 t'Ottubru 2017 bi prova u ngħata l-kuntratt fit-2 ta' Frar 2018 (employment history sheet jirriżulta li beda f'dan l-impjieg fit-2 ta' Frar 2018) u li skont is-soċjetà ntimata din is-sena ir-rikorrent telaq minn Dunder Limited u sab xogħol alternattiv ma' kumpannija oħra.*

*A fol 480 Roberta Geres mis-soċjetà ntimata preżentat prova li r-rikorrent fit-8 ta' Frar 2021 ingħaqad ma' Luckbox u tgħid li fis-sena 2015 ir-rikorrent kien informa lil*

*Wanghammar li kien irċieva offerta biex jaħdem ma' Casumo Limited sister company ta' Dunder Limited.*

*Skont l-FS3 tas-sena 2019 huwa irċieva paga u fringe benefits ta' Ewro 234512.42ċ u l-istess fis-sena 2018 mill-1 ta' Jannar 2018 sal-31 ta' Diċembru 2018 għalkemm mal-Jobsplus jirriżulta li r-rikorrent beda jaħdem ma' Dunder Limited fit-2 ta' Frar 2018.*

*Is-soċjetà ntimata tikkontendi li mhux veru li huwa dam sena bla xogħol għal sena stante li huwa kien jagħmel xogħol ta' konsulent fil-gaming.*

*Ir-rikorrent jikkontendi fol 442 li għandu jitħallas paga ta' erba' snin ċioe 343.417 ewro għal kull sena mis-sena 2017 sas-sena 2020 u stay on bonus ta' ewro 90,000 li kien jieħu fis-sena 2017 u 2018.*

*Geres a fol 184 tgħid li r-rikorrent irċieva Ewro 91,779 tlett xhur notice minkejja li xogħlu ġie terminat mill-kumpannija, li r-rikorrent għandu jagħti lill-kumpannija Ewro 10,771 tax refund li rċieva mingħand id-Dipartiment tat-Taxxa, refund ta' depożitu ta' Ewro 3,500 li ħallsitlu l-kumpannija fuq il-kera tal-appartament tiegħu, qliegħ ta' Ewro 80,000 cirka minn bejgħ ta' 40,000 warrants li ġew trasferiti lir-rikorrent.*

*Dwar l-ilmenti dwar xogħol ir-rikorrent, Geres fol 60 et tixhed li bħala functionality wise l-prodott ma kienx jaħdem anzi kien hemm ħafna affarijiet li kienu għadhom fil-fatt ma jaħdmux u n-nies kienu jidħlu fis-site iżda mbagħad la jistgħu jirreġistraw u lanqas jitilqu 'l hemm. Ir-rikorrent jitfa' l-ħtija fuq id-dipartiment tat-teknoloġija fi Stokkolma jew fuq is-sidien tal-prodott skont Karrbrink fol 71 et u a fol 193 jispjega li l-platform hija r-responsabilità tac-CT jew Tech department jew Tech company fi Stokkolma u r-rikorrent ma kellux dik ir-responsabilità. Ir-rikorrent kellu jiżviluppa l-prodott iżda mhux il-platform. Li l-prodott li kellu jieħu ħsieb ir-rikorrent għalkemm mhux disinjat minnu ma ssarrafx f'ġugaturi ma kienx jikkonverti fi flus u għalhekk il-prodott ma kienx tajjeb għax ma kienx dak li riedu.*

*Ir-rikorrent jaqbel li ma kellux jiżiluppa l-platform meta jgħid:* My role did not include any involvement in the technical development of any part of the platform or products, that is the technical implementation, programming or operation of the platform or the products that functioned from it.

*Iżda mbagħad ikompli jgħid li:* My role was principally design planning, conceptual presentation and specification of features and functionality on a user level. The technical realization, architecture and programming of the product plan/concept or user specifications was the sole responsibility of the Technical department. In order to put in simpler terms, I was to create design prioritize and specify what I wanted from the platform and products. I would decide what the customer experience should

comprise, while it was the responsibility of the technical department to ensure that everything was delivered on the agreed time and functioned as specified. This technical department was actually a purpose-formed company called Mr Green Technology AB which at the time when I began my employment, was demotivated, slow and unproductive. I changed this with the introduction of Niclas Enhorning who took the role of CEO for Mr Green Technology at the end of 2014."

*Li r-rikorrent kien impjegat fuq kuntratt indefinit bħala Chief Product Officer mill-10 t'April 2014; xogħlu skont il-kuntratt ta' xogħol tiegħu a fol 19 kien jikkonsisti f'dan li gej:*

"In charge of the whole range of component making up the customer experience. The position reports to the CEO and is part of the Mr Green management team.

Product and customer experience is synonyms in this document…the real customer experience is made up of a group of components, where Mr Green can truly create differentiation. These components are the games, the site, customer service, payment methods, the payout process, offers, etc. In addition to this the CPO is responsible for the platforms on which we offer our product, desktop, mobile, tablet etc.

You manage this portfolio by constantly tweaking existing solution in a build, measure and learn process. You are also responsible for developing new products based on your industry experience. This means incremental changes to existing components as well as leapfrog development of new products. You are a product visionary, combined with a metrics-oriented maintenance/task manager. You prioritize the product development backing and set up metrics to measure success of development items. You have thorough understanding of online gaming and gambling and a detailed understanding of the psyche of casino players. You are intimately familiar with the Mr Green brand and responsible for making the brand saturate all development of the different parts of the customer experience. You are key in the effort to drive our systems architecture and systems support in order to offer a great customer experience.

You are leading the product organization in Malta which entails all standard obligations of a leader within Mr Green. **You ensure that requirements on product development from the whole organization is captured**" (sottolinear tal-esponenti).

*Meta laħaq Karrbrink is-sitwazzjoni tal-kumpannija kienet vera ħażina għax il-kumpannija kienet qed tagħmel profitt ta' growth annually ta' 8% mentri kumpanniji oħra kien qed jagħmlu 30-40% u Karrbrink ingħata l-inkarigu biex jgħolli l-profitti tal-kumpannija (Geres fol 210 et).*

*Illi dan it-Tribunal iqis li l-apprezzament tal-provi prodotti hija kruċjali f'dan il-każ tenut kont li l-ilmenti kontra r-rikorrent ġew fl-istess waqt premjati mis-soċjetà ntimata f'ċertu sens meta huma ngħataw* two tired stay on bonus *fol 309 fl-10 ta' Frar 2016 , fit-3 ta' Mejju 2016 ingħata 40,000 warrants wara riżoluzzjoni li għaddiet fl-annual general meeting tal-kumpannija fil-21 t'April 2016 meta l-problemi dwar il-prodott kienu ħarġu fid-deher f'April 2016 u f'Ġunju 2016 huwa ngħata l-inkarigu ta' Chief Operating Officer wara li ġie żarmat il-post ta' Chief Product Officer u x-xogħol ta' Chief Product Officer ingħata liċ-Chief Marketing Officer li sakemm irranġaw il-prodott tilfu ħafna xogħol fil-Milied u meta rranġaw il-prodott il-kumpannija reġgħet bdiet iżżid fil-profitti.*

*Kif dejjem ġie ritenut, għal dak li huwa apprezzament tal-provi, l-kriterju determinanti mhuwiex jekk il-ġudikant assolutament jemminx dak li jkun ġie spjegat lilu, iżda jekk dawk l-ispjegazzjonijiet humiex verosimili fiċ-ċirkostanzi svarjati tal-ħajja (**Borg vs Bartolo** – Appell Inferjuri – 25 ta' Ġunju 1980). Il-grad ta' prova rikjest fil-kamp ċivili huwa dak li biżżejjed li jkun inissel ċertezza morali f'moħħ il-ġudikant li tkun indotta minn preponderanza ta' provi meqjusa fuq bilanċ ta' probabilitajiet (**Caruana vs Laurenti** – Prim'Awla tal-Qorti Ċivili – 8 t'April 1994; **Borg vs Manager tal-Intrapriża tal-Ħalib** – Prim'Awla tal-Qorti Ċivili – 17 ta' Lulju 1981; **Vassallo vs Pace** - Vol.LXX.II.144 u **Zammit vs Petrococchino** – Appell Kummerċjali – 25 ta' Frar 1952).*

*Kif ingħad fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Sede Inferjuri nhar it-tmienja w għoxrin (28) t'April 2004 fl-ismijiet **Emanuel Ciantar vs David Curmi noe**:-*

"Fil-kamp Ċivili l-piż tal-prova huwa mixħut fuq min jafferma fatt, u mhux fuq min jinnegah. B'danakollu, f'kawża Ċivili, d-dolo jista' jiġi stabbilit anke permezz ta' presunzjonijiet w indizji, purke s'intendi jkunu serji, preċiżi u konkordanti, b'tali mod li ma jħallu l-ebda dubju f'min hu msejjaħ biex jiġġudika.

Huwa ben magħruf, f'materja konsimili, li mhux kwalunkwe konflitt, kontradizzjonijiet jew ineżattezzi fil-provi, għandhom iħallu lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessità li minħabba fihom, ma tkunx tista' tiddeċiedi b'kuxjenza kwieta jew jkollha b'konsegwenza taqa' fuq ir-regola ta' *in dubio pro reo*.

Dan fuq il-bilanċ tal-probabilitajiet, sostrat bażiku t'azzjoni Ċivili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, ġeneralment bastanti għal konvinċiment. Għax kif inhu paċifikament akkolt, iċ-ċertezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet. Dan għad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali, fejn il-ħtija trid tirriżulta mingħajr ma tħalli dubju raġjonevoli."

*In oltre, kif ġie affermat fis-sentenza fl-ismijiet **Maria Stella Borg vs Joseph Cassar et** deċiża nhar il-ħamsa w għoxrin (25) t'April 2002 mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili:-*

"Il-ġudikant, fil-kamp Ċivili, għandu jiddeċiedi fuq il-provi li jkollu quddiemu, meta dawn jinduċu fih dik iċ-ċertezza morali li kull tribunal għandu jfittex, u mhux fuq sempliċi possibilitajiet; imma dik iċ-ċertezza morali hija biżżejjed, bħala li hi bażata fuq il-preponderanza tal-probabilitajiet. U dan għad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali, fejn il-ħtieġa trid tirriżulta mingħajr ma tħalli ebda dubju raġonevoli."

*L-istess jgħodd għall-proċedura quddiem dan it-Tribunal.*

*Illi dan it-Tribunal ħaseb fit-tul u wara diversi riċerka li għamel dwar ir-rwol ta' Chief Product Officer u ta' Chief Technology Officer (stante li r-rikorrent dejjem tefa' t-tort fuq il-kumpannija Mr Green Technology. Jirriżulta li:* The CPO and CTO have the same goal to deliver the best outcomes for customers. The CPO deals with the 'why' of the product – this aligns the company vision with the product direction. You can build along with product features, understand requirements, create a roadmap, fix the phases and tasks. A CTO is related with the 'how' of the product. This means creating a product with the cost benefit analysis and other values. A CTO needs to determine which technology will make the products and services better.

*Jirriżulta wkoll li a Chief Product Officer* looks to make sure that products are delivered in a smooth manner; A CTO is one who investigates the product development aspect (updated June lst 2021 Niyathi Rao (info@smartkarrot.com).

*Illi dan it-Tribunal ma jistax jemmen lir-rikorrent meta jgħid li l-problemi ma ġewx kawżati minnu iżda mit-technology company meta r-responsabilità aħħarija għall-prodott kienet tiegħu. Kien huwa responsabbli li jillonċja l-prodott u li għalkemm l-platform għal dan il-prodott għalkemm isir mit-Technology company wkoll ta' Mr Green, fl-aħħar mill-aħħar hija responsabilità tiegħu li l-prodott minnu maħluq jimxi kif suppost u jkun ta' suċċess għall-kumpannija. Il-job description tal-kariga tiegħu a fol 19 bħala Chief Product Officer tgħid car u tond li:* **You ensure that requirements on product development from the whole organization is captured** *u dan ikompli jikkonferma d-deċiżjoni ta' dan it-Tribunal li fl-aħħar mill-aħħar il-prodott mill-bidu sat-tmiem kien responsabilità tar-rikorrent u l-fatt li l-platform ma kellux jiżviluppa huwa ma jfissirx li huwa ma kellux ir-responsabilità overall tal-prodott. Dan it-Tribunal ma jaqbilx mar-rikorrent meta xehed:* My role did not include any involvement in the technical development of any part of the platform or products, that is the technical implementation, programming or operation of the platform or the products that functioned from it.

*Il-partijiet kollha jaqblu li l-programm kellu problemi u huwa misteru kif dawn il-problemi ħarġu fid-deher meta f'April laħaq Karrbrink u mhux qabel. Dan it-Tribunal ma jistax jgħid jekk dan ġarax għax Bo Wanghammar, ir-rikorrent u Niklas Enhorning*

*kienu ilhom jafu lil xulxin mindu kienu jaħdmu flimkien ma' kumpannija oħra Ongame però jibqa' l-fatt li l-kumpannija kienet qed tagħmel it-telf, il-kompetituri tagħha kienu qed jgħadduha u kellha bżonn dan il-programm illum qabel għada. Inoltre meta r-rikorrent webbes rasu u baqa' ma mpjegax aktar nies biex isaħħaħ it-team tiegħu u lanqas biex jinħoloq sports desk officer dan kompla jgħarraq l-aġir tiegħu u r-rwol tiegħu ta' Chief Product Officer.*

*Veru li mal-Jobsplus huwa ġie reġistrat bħala Chief Operating Officer minn day one mal-kumpannija iżda għal dan it-Tribunal huwa l-kuntratt ta' xogħol li għandu quddiemu li jgħodd liema kuntratt ta' xogħol jgħid li r-rikorrent kien impjegat bħala Chief Product Officer. Għalkemm f'Ġunju 2016 ir-rikorrenti ngħata r-rwol ta' Chief Operating Officer, d-dipartiment ta' Chief Product Officer ġie żarmat lejn l-aħħar t' Awwissu u, ebda kuntratt ġdid ma ġie ffirmat mar-rikorrent u għalhekk ma jistax jingħad li r-rikorrent kien għadu fuq probation meta ġie terminat l-impjieg lilu f'Settembru 2016. Jekk ir-rikorrent ma kienx ferħan b'din il-kariga kienet responsabilità tiegħu li ma jaċċettahiex u mhux baqa' ma għamel xejn sakemm tkeċċa.*

*Għaldaqstant dan it-Tribunal qed jaqta' u jiddeċiedi billi jiċħad it-talbiet tar-rikorrent."*

## L-Appell

6. L-appellant ippreżenta r-rikors tal-appell tiegħu fil-31 ta' Jannar, 2022, fejn qed titlob lil din il-Qorti sabiex:

*"...tħassar u tirrevoka id-deċiżjoni appellata ... u għar-raġunijiet premessi filwaqt li okkorrendo tirrimetti lura l-atti proċesswali sabiex dawn jkunu mill-ġdid trattati a tenur tas-sentenza ta' Din l-Onorabbli Qorti."*

## Ir-Risposta tal-Appell

7. Is-soċjetà appellata, filwaqt li ddikjarat li l-appell odjern għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellant, issottomettiet qabel xejn

li l-appell għandu jiġi dikjarat null u bla effett, stante li mhux imsejjes fuq punt ta' liġi li ġie deċiż mit-Tribunal, u dan *ai termini* tad-disposizzjonijiet tas-subartikolu 82(3) tal-Kap. 452.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

8. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex qabel xejn tikkonsidra s-sottomissjoni preliminari tas-soċjetà appellata, jiġifieri li l-appell odjern għandu jiġi ddikjarat null stante li ma jottemporax ruħu mad-disposizzjonijiet tas-subartikolu 82(3) tal-Kap. 452. Il-Qorti tirrileva li dan is-subartikolu jitlob li appell minn sentenza tat-Tribunal għandu jsir biss fuq punt ta' liġi, u dan fiċ-ċirkostanzi hemm imfissra, fosthom fejn il-każ jirrigwarda l-allegata tkeċċija mingħajr kawża ġusta. Meħud in konsiderazzjoni li t-talba tal-appellant lit-Tribunal kienet proprju għal dikjarazzjoni li huwa tkeċċa mingħajr kawża ġusta, din il-Qorti tgħid li l-appell odjern jista' jkun permess biss jekk jaqa' fil-parametri stabbiliti mis-subartikolu ċitat, u għalhekk ser tgħaddi sabiex tinvestiga jekk is-soċjetà appellanta ottemporatx ruħha mas-subartikolu 82(3) tal-Kap. 452.

9. Meta l-appellant jispjega l-aggravji tiegħu, jirriżulta mill-ewwel ċar li dawn ma jolqtu l-ebda punt ta' dritt iżda biss il-mertu tal-każ odjern. Għalkemm huwa jibda billi jissottometti li *"...t-Tribunal għamel enunċjazzjonijiet legali żbaljati jew infondati li wasluh għad-deċiżjoni lamentata",* l-argumenti tiegħu huma għal kollox fil-mertu għaliex jittrattaw l-interpretazzjoni tat-Tribunal tat-terminoloġija applikata fil-kuntratt tal-impjieg tiegħu, u l-apprezzament tal-provi li wettaq l-imsemmi Tribunal dwar iċ-ċirkostanzi tat-tkeċċija tiegħu.

Minkejja l-insistenza tal-appellant li t-Tribunal għamel apprezzament legali ħażin, l-appell tiegħu ma jittratta l-ebda punt legali, u huwa biss imlibbes din il-libsa f'tentattiv biex jissorvola l-ostakolu mqiegħed quddiemu bis-subartikolu 82(3) tal-Kap. 452.

## Decide

**Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti filwaqt li tiddikjara li l-appell tal-appellant bħala wieħed irritu u null, tastjeni milli tieħu konjizzjoni tiegħu.**

**L-ispejjeż tal-proċeduri quddiem it-Tribunal jibqgħu kif deċiżi, u dawk tal-appell odjern għandhom ikunu a karigu tal-appellant.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**